**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Gunju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Mark Mercieca**

**Vs**

**John Paul Charles Woods**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra John Paul Charles Woods, 35 sena, iben l'Kim Reid, Miriam nee Thomas, imwieled l-Ingilterra nhar is-27 ta' Jannar 1980, residenti fil-fond numru 114, Dar Patri Leopardo, Triq San Albert, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 2004880P;

Talli nhar l-1 ta' Lulju 2016, gewwa 22, Triq Enrico Mizzi, Gzira, ghall-habta tas-0200hrs:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ritienne Cardona, skond kif iccertifikat mit-tabib J. Debon, med reg 3720 ta' l-isptar Mater Dei;

2) Talli rrenda ruhu recediv wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, minn diversi Magistrati, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-8 ta' Gunju 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-'Pre-Sentencing Report' imhejji mill-ufficjal tal-Probation ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda ghalhekk tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' Trattament ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**